**Deċiżjoni tas-Sedja mogħtija minn Mr Speaker l-Onor Louis Galea f'Seduta numru 203 tat-Tnejn, 22 ta' Marzu, 2010.**

*Talba għal passi dwar insulti indirizzati lejn Membri – Ksur ta' privileġġ – Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113) – Ordnijiet Permanenti numru 35, 36, u 161*

L-ewwelnett is-Sedja ser tibda billi tieħu konjizzjoni tat-talba li għamel l-Onorevoli Robert Arrigo fid-diskors tiegħu tal-Aġġornament fis-Seduta numru 196, tat-8 ta' Marzu, 2010.

F'din l-okkażjoni l-Onor Arrigo talab lis-Sedja tieħu passi fir-rigward ta' tgħajjir indirizzat lejh u lejn Membri Parlamentari oħra huma u deħlin l-Parlament nhar it-Tnejn, l-1 ta' Marzu, 2010, minn xi membri ta' folla li kienet qed tieħu sehem f'dimostrazzjoni organizzata mill-Għaqda Unjons Maltin (GħUM). Fis-Seduta ta' dik il-ġurnata l-Kamra kellha għall-konsiderazzjoni tagħha d-diskussjoni u l-vot fuq il-Mozzjoni tal-Oppożizzjoni dwar it-tariffi l-ġodda tad-dawl u l-ilma. L-Onor Arrigo rrefera għal kliem ta' disprezz, bħal kelma 'traditur', indirizzat lejn Membri li kienu deħlin il-Parlament biex jaqdu dmirhom u jeżerċitaw id-dritt tagħhom tal-vot fil-Kamra kif titlob il-Kostituzzjoni. Huwa rrefera wkoll għal dak li ġie rappurtat u indika b'mod partikolari lis-sur Tony Zarb, is-Segretarju Ġenerali tal-GWU.

L-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap 113), hawn aktar 'il quddiem "l-Ordinanza", tħares b'mod gravi lejn insulti ta' dan it-tip u tistabbilixxi li jista' jkun ħati ta' reat "kull min...jinsulta (Membru) filwaqt li jkun sejjer jew ġej lura mill-Kamra jew minħabba d-dmirijiet tiegħu fil-Kamra, jew kull min ...b'insult...ifittex li jġiegħel Membru illi jiddikjara ruħu favur jew kontra proposta jew xi ħaġa li tkun għadha miexja jew li tkun sejra tinġieb quddiem il-Kamra."[1]

F'dan il-każ is-Sedja ma tistax tesprimi ruħha jekk l-ilment tal-Onor Arrigo jammontax *prima facie* għal każ ta' ksur ta' privileġġ minħabba li l-Onor Membru ma segwix l-Ordni Permanenti 36[2]. Skond dan il-provvediment "l-ewwel opportunitá" li fiha l-Onor Arrigo seta' jqajjem il-każ kienet jew it-Tnejn, 1 ta' Marzu, dakinnhar stess tad-dimostrazzjoni, jew *se mai*, l-għada it-Tlieta, 2 ta' Marzu, fir-rigward ta' dak li ġie rapportat f'sezzjoni tal-istampa, u mhux ġimgħa wara fit-8 ta' Marzu.

Filwaqt li s-Sedja mhix qed tidħol fil-merti tal-każ imqanqal mill-Onor Arrigo, b'dankollu s-Sedja tiddeplora kull tgħajjir, insult, theddid u inġurji indirizzati lejn Membri Parlamentari, speċjalment fil-kors tal-qadi ta' dmirijiethom, sew meta dan jiġi indirizzat verbalment u wisq aktar meta jkun pubblikat f'xi ġurnal jew imxandar. Is-Sedja tapprezza li min jorganizza attivitajiet ta' massa mhux dejjem ikun f'qagħda jikkontrolla x'jgħidu membri tal-pubbliku li jkunu qed jieħdu sehem. Iżda l-mexxejja li jorganizzaw u wisq aktar il-ġurnali u mezzi tagħhom, huma responsabbli ta' dak li jistgħu jiffomentaw b'dak li jiġi pubblikat u mxandar.

Fit-tieni lok is-Sedja ser tieħu konjizzjoni tal-każ imqanqal mill-Onorevoli Charles Mangion. Fis-Seduta numru 199 tat-Tnejn, 15 ta' Marzu, 2010, l-Onor Mangion invoka l-Ordni Permanenti 161 u l-provvedimenti tal-Ordinanza biex jitlob lis-Sedja tagħti deċiżjoni jekk *prima facie*jirriżultaliex każ ta' ksur ta' privileġġ fiċ-ċirkostanzi spjegati lill-Kamra mill-istess Onor Mangion.

L-Onor. Mangion qajjem dan il-każ a) fir-rigward ta' diskors li ntqal fuq l-istazzjon NET TV fil-bulettin tal-aħbarijiet tat-7.45 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Marzu 2010, u b) fir-rigward ta' artikolu f'paġna 10 tal-ġurnal IL-MUMENT tal-Ħadd, 14 ta' Marzu 2010, intestat "Attakk riżultat tar-rabta ta' Sandro Chetcuti mal-Labour".

L-Onor Mangion sostna li r-rapporti fuq in-NET TV u fl-imsemmi artikolu f'IL-MUMENT attribwewlu intenzjoni ta' inċitar u mibgħeda jew tħeġġiġ biex xi ħadd jattakka jew jikkawża vjolenza kontra s-sur Vince Farrugia, id-Direttur Ġenerali tal-Kamra tal-Impriżi Żgħar u Medji - GRTU. L-Onor Mangion jirribatti bil-qawwa kollha din l-allegazzjoni li jqisha malafamenti fil-konfront tiegħu. L-Onor Mangion sostna li fi tlieta u għoxrin sena servizz bħala Membru fil-Parlament huwa dejjem qeda dmiru b'fedeltà sħiħa lejn il-Kostituzzjoni u qatt ma insulenta lil ħadd jew inċita lil xi ħadd iwettaq atti illegali jew li b'xi mod imorru kontra l-prinċipji u l-prattika tad-demokrazija jew tar-rispett lejn id-dinjità u d-drittijiet umani.

L-Onor Mangion kien *in order* meta qajjem il-pretensjoni tiegħu stante li s-Seduta tat-Tnejn, 15 ta' Marzu, 2010, kienet "l-ewwel opportunità" li fiha l-Onor Membru seta' jqajjem il-każ tiegħu dwar ksur ta' privileġġ.[3]

Għalkemm l-Onor Membru ma speċifikax għal-liema frażijiet kien qed joġġezzjona, is-Sedja xorta fliet it-traskrizzjoni tas-silta rilevanti mill-bulettin tal-aħbarijiet kif ukoll l-artikolu tal-ġurnal imsemmija. Is-Sedja tikkundanna kull att ta' vjolenza jiġi minn fejn jiġi u huma x'inhuma ċ-ċirkostanzi, u tingħaqad mal-esponenti taż-żewġ naħat tal-Kamra li esprimew solidarjetà mas-sur Vince Farrugia. Iżda s-Sedja, bħala fatt, ma tistax tifhem kif mill-kliem li qal l-Onor Mangion fid-diskussjoni fil-programm BONDI+ fuq TVM xi ħadd seta' fir-rappurtaġġ jinsinwalu xi intenzjoni ta' inċitar għall-vjolenza jew għall-mibgħeda fil-konfront ta' xi persuna, hi min hi, inkluż is-sur Vince Farrugia. Il-kummenti bejn il-protagonisti f'din id-diskussjoni, anke jekk f'xi mument saħnu xi ftit, baqgħu l-ħin kollu fil-limiti ta' botta u risposta ċivili kif jiġri l-ħin kollu f'soċjetà demokratika.

Lis-Sedja jirriżultalha li r-riferenzi, imxandra u pubblikati fuq l-istazzjon u ġurnal in kwestjoni, u li minnhom qed jilminta l-Onor Membru, ma kienu bl-ebda mod qed jirreferu għal xi diskors jew atti li l-istess Onor Membru seta' qal jew għamel waqt xi Seduta fil-Kamra tad-Deputati. Ġie stabbilit li sew il-bulettin tal-aħbarijiet ta' NET News kif ukoll l-artikolu in kwestjoni ta' IL-MUMENT jikkumentaw fuq diskussjoni mxandra fil-programm BONDI+ fuq TVM tal-PBS u li fiha ħa sehem l-Onor Membru.

L-Ordinanza tipprovdi għal reat fil-każ ta' "...pubblikazzjoni ta' kull libell li jagħti malafama...lil xi Membru li tolqot xi ħaga magħmulha minnu jew li ntqalet minnu...bħala Membru fil-Kamra jew f'Kumitat tagħha;"[4] kif ukoll "il-pubblikazzjoni...ta' xi rapport falz jew mgħawweġ ta' xi dibattitu jew proċedimenti tal-Kamra jew ta' xi Kumitat tagħha."[5]

L-Ordinanza u l-Ordnijiet Permanenti mkien ma jkopru b'xi privileġġ parlamentari dak li xi Membru jgħid barra l-Kamra jew kwalsiasi rapport dwar dan. Il-liġi tipprovdi protezzjoni, fil-forma ta' immunità minn proċedimenti legali, lill-Membri Parlamentari għar-rigward ta' kliem li jingħad minnhom, jew rapporti u ħwejjeġ simili mressqa minnhom, quddiem il-Kamra jew Kumitat tagħha.[6]

Għaldaqstant, salvi u fermi d-drittijiet li jista' jkollu l-Onorevoli Membru taħt kwalsiasi liġi, is-Sedja tiddeċiedi li m'hemmx *prima facie* każ ta' ksur ta' privileġġ.

Fl-aħħarnett, is-Sedja terġa' tappella għal rappurtaġġ ġust u korrett dwar dak kollu li jseħħ u jintqal f'pajjiżna. Il-propjetarji tal-mezzi tal-kommunikazzjoni, u speċjalment dawk li bil-liġi huma responsabbli għall-kontenut f'dawn il-mezzi, għandhom dmir li jsegwu l-prinċipji tal-verità, il-korrettezza u l-ġustizzja f'dak li jippubblikaw u jxandru. Il-libertà, id-demokrazija u t-tmexxija tajba tal-pajjiż ilkoll jesiġu li l-politiċi u n-nies f'kull awtorità jiġu sottomessi għall-iskrutinju, fost oħrajn, tal-mezzi tal-kommunikazzjoni u tal-opinjoni pubblika. Filwaqt li d-dritt għall-kummenti u l-kritika huma fondamentali f'soċjetà demokratika, l-istess mezzi ta' kommunikazzjoni jonqsu kontra l-interess nazzjonali u l-ġid komuni meta jirrappurtaw ħażin, jgħawġu, jimmisinformaw, jivvintaw jew jattribwixxu motivi ulterjuri infondati dwar dak li jgħidu jew jagħmlu Membri tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Kull darba li jseħħ dan mhux biss issir inġustizzja mal-Membri, rappreżentanti eletti tal-poplu, iżda wkoll jitpoġġew f'periklu il-valuri tal-leġittimità u l-kredibilita tal-istituzzjonijiet, inkluż tal-istituzzjoni tal-media.

---

[1] Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap 113), Artikolu 11 (4) (d).

[2] Kamra tad-Deputati, Ordnijiet Permanenti, Stampat fl-Istamperija tal-Gvern, 1995.

[3] Ibid., OP numru 36.

[4] Kap 113, Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Artikolu 11 (4) (j).

[5] Ibid., Artikolu 11( 4) (k).

[6] Ibid., Arikolu 2.